MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 151/2011

**A B**

**Vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrent ippremetta:

**A. DIKJARAZZJONI TAL-FATTI**

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar il-15 ta’ Lulju, 1995 skond kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom (illi kopja tieghu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A), u sseparaw nhar id-9 ta’Marzu 2011, skond kif jidher mill-Kuntratt ta’ Separazzjoni Personali taghhom (illi kopja tieghu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. B);

2. Illi meta l-partijiet iltaqghu, l-esponenti kellu dsatax-il sena u l-konvenuta kellha sbatax-il sena. Illi f'dan il-perijodu kienet ghadha kemm mietet omm il-konvenuta, liema telfa gabet piz kbir fuq il-konvenuta peress illi hi l-unika tifla fost hames ahwa u tnejn minn hutha kienu ghadhom taht it-tliet snin. Ghalhekk kellha tkun l-istess konvenuta illi trabbi lil hutha u tiehu hsiebhom. Sahansitra billi tohrog, liz-zghar maghha meta kienet tiltaqa` ma' l-esponenti matul l-gherusija;
3. Illi, inoltre, il-konvenuta kellha relazzjoni hazina immens ma' missierha u effettivament kienet tibza` hafna minnu specjalment peress illi missierha kien isawwat lil uliedu, u anke lil martu illi kien sahansitra jhaddimha fil-prostituzzjoni;
4. Illi l-kontendenti zzewgu wara tliet snin gherusija ghaliex il-konvenuta harget tqila bit-tifla l-kbira tal-kontendenti R u l-kontendenti riedu li t-tarbija titwieled fiz-zwieg primarjament minhabba l-biza illi l-konvenuta kellha minn missierha u wkoll il-hegga kbira taghha sabiex titlaq 'il barra mid-dar tieghu.
5. Illi t-trobbija tal-konvenuta effetwat ferm il-personalita` taghha u r-relazzjoni taghha mal-esponenti fl-gherusija kienet tghina sabiex tahrab mir-realta` illi kellha f'dar missierha, u effettivament din kienet l-unika raguni ghaliex il-konvenuta harget tqila sabiex b'hekk iz-zwieg mal-esponenti seta` jkun l-unika alternattiva li missierha ma setax jopponi ghaliha;
6. Illi l-esponenti min-naha tieghu kien immatur hafna meta accetta illi jizzewweg lill-konvenuta minkejja illi sa mill-gherusija kien jidher car illi l-konvenuta kellha atteggjament irraxxibbli u agir aggressiv ghall-ahhar u li kwindi r-relazzjoni bejn il-partijiet ma setghet qatt tirnexxi;
7. Illi effettivament, jidher illi l-konvenuta qatt ma habbet lill-esponenti u ladarba zzewgu, l-atteggjament u l-komportament taghha komplew jaggravaw tant illi z-zwieg tal-kontendenti kien mifni bi problemi sa mill-bidu nett, ferm qabel it-twelid tal-bint il-kbira, R;
8. Illi t-tendenzi dipressivi illi gia` kienet tbati minnhom il-konvenuta matul l-gherusija zdiedu b'mod allarmanti hekk kif il-kontendenti zzewgu tant illi wara t-twelid tal-ewwel wild, l-istess konvenuta ghamlet varji tentattivi ta'

suwicidju u anke giet rikoverata gewwa l-isptar Monte Carmeli;

9. Illi dan kollu wassal sabiex wara biss sena zwieg, il-kontendenti kienu diga` se jiehdu passi sabiex jisseparaw, izda mbaghad irrikorrew ghand il-psikjatra Dottor John Mifsud u effettivament baqghu flimkien;

10. Illi b’danakollu, il-konvenuta matul iz-zwieg kellha diversi relazzjonijiet adulteri illi bdew sa mill-ewwel snin taz-zwieg, u komplew sejrin minghajr ma l-konvenuta qatt uriet xi dispjacir ghal ghemilha sa ma l-partijiet eventwalment ikkonkludew is-separazzjoni personali taghhom;

11. Illi sahansitra matul iz-zwieg, il-konvenuta telqet mid-dar diversi drabi u gieli marret tghix, flimkien ma’ wlied il-partijiet, ghand il-persuna illi tkun f’relazzjoni mieghu, hekk kif ghamlet fl-ahhar firda definittiva bejn il-partijiet. Il-konvenuta effettivament kellha tarbija mis-sieheb il-gdid taghha sahansitra qabel ma l-partijiet ikkonkludew is-separazzjoni personali bejniethom;

12. Illi minn dawn il-fatti jsegwi illi l-kunsens tal-kontendenti kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, illi fixklu serjament il-hajja mizzewga tal-partijiet u ghamluha impossibbli ghall-istess partijiet illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

13. Illi inoltre fil-kaz tal-konvenuta, il-kunsens taghha kien vizzjat b’kundizzjonijiet psikologici serji illi ghamluha impossibbli ghaliha illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dan kif ser jirrizulta tul it-trattazzjoni tal-kawza;

14. Illi inoltre jirrizulta illi l-kunsens tal-konvenuta nghata bl-eskluzjoni pozittiva u totali taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi esssenzjali tal-hajja mizzewga, u senjatament ghaliex il-konvenuta zzewget unikament sabiex titlaq minn dar missierha illi minnu kellha biza` kbir, u fi kwalunkwe kaz hija eskludiet l-unita` u l-indissolubilita` taz-zwieg, kif ukoll l-obbligu tal-fedelta`;

15. Illi, ghalhekk iz-zwieg tal-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi ghall-fini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 19 fosthom is-subinciz (1)(a),(d) u (f) ta’ l-Att Dwar Iz-Zwieg.

16. Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza ta’ l-esponenti.

**B. RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI**

17. Illi l-prezenti proceduri qieghdin isiru sabiex iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fil-15 ta' Lulju 1995 jigi dikjarat null u bla effett skond il-Ligi, u senjatament ghalkemm mhux limitatament ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(a),(d) u (1) (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg;

**C. TALBIET ATTRICI**

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti nhar il-15 ta' Lulju 1995, huwa null u bla effett fil-Ligi ghall-finijiet tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 19 ta' l-Att Dwar iz-Zwieg, fosthom is-subiciz (1)(a),(d) u (f) ta' l-istess Artikolu 19;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta illi tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat illi l-konvenuta hija kontumaci f'din il-kawza;

Semghet lix-xhieda illi tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat il-15 ta' Lulju 1995 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(a), (1)(d) u (1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kap. 255;

Min-naha tieghu l-intimata, minkejja li giet debitament notifikata bl-atti tal-kawza, baqghet ma prezentat ebda risposta guramentata u ghalhekk hija kontumaci f'dawn il-proceduri.

**Il-verzjoni tal-attur**

L-attur jikkontendi li ltaqa' mal-intimata meta l-partijiet kienu ghadhom relattivament zghar, precizament meta hu kellu dsatax-il sena filwaqt li l-intimata kellha sbatax-il sena. Minhabba li omm l-intimata kienet mietet sentejn qabel, kien waqa' piz kbir fuqha peress li kienet l-unika tifla fost hamest ahwa u tnejn minn hutha kienu ghadhom taht l-eta' ta' tlett snin. Kienet l-istess intimata li rabbiet lil dawn hutha zghar u kienet tohrog lill-istess hutha flimkien mal-attur matul l-gherusija taghhom peress li ma kellha ghajnuna ta' hadd. Apparti dan kollu, l-intimata kellha relazzjoni hazina immens ma' missierha tant li kien isawwat lil uliedu, kellu problema ta' alkohol, kien vjolenti u kien sahansitra jhaddem lil martu fil-prostituzzjoni. Ghalkemm jghid li hu qatt ma raha lil missier l-intimata jsawwatha, l-attur isemmi episodju fejn huha z-zghir kien kixef li missieru qallu biex iqaccat il-bieba tal-karozza tal-attur jekk ma jiehdux ghand iz-zija tal-intimata u malli t-tifel qal dan il-kliem, missieru (li jigi ovvjament missier l-intimata wkoll) hareg jigri bit-tifel u rritorna wara siegha bit-tifel b'ghajnu minfuha u vjola. Apparti minn hekk, missierha kien jihdilha Lm20 minn Lm35 li kienet taqla mix-xoghol ghaliex il-konvenuta kienet tibza' minnu u darba fost l-ohrajn, kellu jkun l-attur stess li hallas Lm100 minn butu biex jerga' jgibilha lura d-deheb li kienet wirtet minghand ommha u li missierha kien rahan.

Fi zmien l-gherusija mhux l-ewwel darba li l-attur hasibha biex itemm ir-relazzjoni ta' bejniethom, principalment minhabba l-fatt li kien ikollu jiehu hsieb lil hutha z-zghar jew ghax l-intimata kienet iddawwar kull argument zghir f'xenata ghaliex kienet tibza' li kien ser jitlaqha. Izda dan il-pass baqa' ma hadux bit-tama li bejniethom kollox imur ghall-ahjar u jigi ghan-normal.

L-attur jikkontendi li z-zwieg bejn il-partijiet gie kkontrattat ghaliex l-intimata harget tqila bl-ewwel tarbija taghhom u ma ridux li tali tarbija titwieled barra z-zwieg. Barra minn hekk, l-istess attur jghid lir-raguni principali wara dan iz-zwieg kienet il-biza' li kellha l-intimata minn missierha u r-rieda taghha li titlaq 'il barra mid-dar tieghu. Jghid li t-tqala kienet l-unika mod ta' kif missierha kien ser jaccetta li jsehh iz-zwieg ta' bejniethom.

L-attur jiddiskrivi lilu nnifsu bhala ragel immatur meta accetta li jizzewweg lill-intimata minkejja li sa' mill-gherusija kien jidher car li l-intimata kellha karattru u atteggjament irraxxibbli u agir aggressiv ghall-ahhar izda kien jahseb li maz-zwieg kollox kien ser jinbidel. Izid jghid li kieku kien jaf li l-intimata ma kienitx ser tinbidel kieku ma kienx jizzewwigha. Jghid li l-intimata qatt ma habbitu u wara z-zwieg, l-atteggjament u l-komportament taghha mar ghall-aghar, sa' mill-bidu taz-zwieg.

L-attur jghid ukoll li wara z-zwieg, it-tendenzi depressivi komplew jaggravaw tant li l-intimata ghamlet diversi attentati sabiex tiehu ruhha b'idejha u kienet ukoll rikoverata fl-isptar Monte Carmeli. Wara  sena zwieg, il-partijiet kienu ser jisseparaw izda bl-intervent tal-psikjatra Dottor John Mifsud, baqghu flimkien.

Minkejja dan kollu, l-attur jghid li matul iz-zwieg (u dan sa mill-ewwel snin taz-zwieg) il-konvenuta kellha relazzjonijiet adulteri u ghal dan qatt ma uriet xi sens ta' dispjacir b'dan illi  kien hemm drabi fejn l-intimata marret tghix mas-sieheb taghha ta' dak iz-zmien u eventwalment il-partijiet waslu biex jisseparaw[1] wara li l-istess intimata kellha tarbija minn terza persuna.

**<u>Il-Verzjoni tal-intimata</u>**

L-intimata tiddiskrivi r-relazzjoni taghha u tal-attur bhala wahda li kienet mimlija argumenti peress li z-zewg partijiet kienu jghiru ghal xulxin, liema argumenti kienu jispiccaw

[1] Ara l-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejn il-partijiet, liema kuntratt gie publikat min-Nutar Silvana W Caruana datat id-9 ta' Marzu 2011 esebit a fol 7 tal-process

hazin peress li l-attur kellu jdejh hfief u kien jerfa’ jdejh fuqha tant li ssemmi episodju fejn l-attur kien kaxkarha fil-karozza tieghu (wara li mar fuqha biex jaghtiha daqqa ta’ ponn) u beda jsuq. Meta gew imwaqqfa mill-Pulizija, l-intimata bezghet tghid il-verita’ u wiegbet fin-negattiv. L-intimata tikkonferma li missierha kien ragel ta’ dixxiplina kbira imma ghalkemm ma riediex titgharras biex tibqa’ tiehu hsieb lil hutha z-zghar (peress li ommha kienet mietet) izda ma ssemmi xejn dwar l-aspetti koroh l-ohra li jallegaw l-attur u x-xhieda prodotti minnu.

L-intimata tikkonferma li l-unika raguni ghaliex zzewget lill-attur kienet proprju dik li kienet harget tqila u xejn aktar. Tghid hekk ghaliex fiz-zmien tal-gherusija kienet diga’ tibza’ minnu minhabba l-aspett vjolenti tieghu u ma setghetx timmagina x’kien gej wara z-zwieg. Wara t-twelid tal-ewwel tarbija, l-intimata tirrakkonta li regghet bdiet il-vjolenza kommessa mill-attur fil-konfront taghha.

Minkejja dan kollu, l-intimata tghid li wara erba’ snin zwieg ippjanaw it-tieni tarbija. Kienet bghatet lill-ewwel wild sabiex taghti l-ahbar lill-attur u dan tal-ahhar qalilha “***trabbiha***”.

L-intimata tghid li kienet tmur ghand il-psikjatra ghaliex kien hadha zewgha stess peress li kien qabadha certu ansjeta’ minhabba r-relazzjoni ta’ bejniethom. Tikkonferma li f’dan il-perjodu kienet ghamlet hbiberija ma’ ragel iehor izda tichad li r-relazzjoni ta’ bejniethom eskalat ghal wahda intima, minkejja li zewgha kien sabilha messagg fuq il-*mobile*. B’dawn il-problemi kollha l-partijiet xorta hasbu biex ikollhom it-tielet tarbija izda l-intimata tghid li s-swat zdied tant li kellha titlaq mid-dar u tiehu rifugju fix-*shelters* tal-Appogg. Fl-ahhar snin taz-zwieg tghid li spiccaw gejjin u sejrin ghand il-*councellors* izda s-swat u l-vjolenza komplew specjalment meta l-intimata qaltlu li kellha l-intenzjoni li titilqu. Sussegwentement kien l-attur stess li telaq mid-dar matrimonjali wara li l-konvenuta kienet skopriet li kellu relazzjoni adultera.

**<u>Ix-Xhieda Prodotta</u>**

Il-Qorti, taghmel referenza ghax-xhieda ta’ X B, omm l-attur li tghid li mill-ewwel ma kienitx ferhana bl-gharusa ta’ binha u dan ghaliex saret taf xi dettalji dwar il-familja taghha u dwar it-trobbija taghha li ma kienux joghgbuha izda dwar dan ma tantx telabora. Tiddiskrivi l-gherusija taghhom bhala wahda karatterizzata minn glied u argumenti li ghalkemm kienu jkunu fuq affarijiet zghar, l-intimata kienet tkabbarhom u taghmel ix-xenati. Fl-istess hin tghid li minkejja dan il-glied u dawn l-argumenti, il-konvenuta ma kienitx toqghod minghajru u kull darba li kien ikollha xi tghid ma’ missierha, kienet mill-ewwel iccempel lill-attur li min-naha tieghu kien imur ghaliha u jehodha ghand il-genituri tieghu. Ix-xhud tghid ukoll li l-intimata kienet dejjem tishaq u tghid l-istess affarijiet, u cioe’ li ghandha genn biex tizzewweg halli titlaq mid-dar ta’ missierha. Tikkonferma wkoll li t-tqala tal-intimata waslet ghad-decizjoni li jizzewgu malajr malajr sabiex it-tarbija titwieled fiz-zwieg. Omm l-attur tghid li minkejja z-zwieg u minkejja t-tarbija, l-intimata donnha baqghet qatt m’hi kuntenta u kienet taqla’ l-inkwiet u l-paroli.

Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta’ O W, oht l-attur tghid li l-intimata kienet tkun imdejjqa minhabba missierha. Tghid ukoll li matul l-gherusija ta’ huha u l-intimata, din tal-ahhar kienet ta’ sikwit taqbad tghajjat u twerzaq fid-dar taghhom izda tghid ukoll li hekk kif l-intimata harget tqila, l-partijiet mill-ewwel iddecidew li ghandhom jizzewgu. Kif taghmel omm l-attur, anke din ix-xhud tghid li l-intimata kienet iffissata kemm fuq l-ewwel tarbija kif ukoll fuq l-indafa b’mod esagerat u bl-istess mod ta’ X B tiddiskrivi kif l-intimata inbidlet wara z-zwieg fis-sens li bdiet tohrog u tghix hajja ta’ tfajla minflok ta’ mara mizzewga. Interessanti hija d-dikjarazzjoni li taghmel O W meta tghid li wara kull zball ohxon li kienet taghmel l-intimata, l-partijiet kienu jippruvaw jirrangaw is-sitwazzjoni ta’ bejniethom b’tarbija ohra. Dan jikkonfermah ukoll Q W permezz tal-affidavit tieghu. Dan jitfa’ hafna dawl fuq il-partijiet u l-mod ta’ kif kienu jahsbuha u kif kienu jagixxu fiz-zwieg ta’ bejniethom. Ix-xhud tikkonferma wkoll dak li jghid huha u cioe’ li riedet tikkommetti suicidju meta darba fost l-ohrajn bdiet tipprova taqta’ l-polz bis-sikkina filwaqt li f’okkazjoni ohra kienet belghet hafna pilloli. Tiddiskrivi d-

*depression* tal-intimata bhala wahda li mhix hafifa tant li wara attentat ta' suicidju iehor (li sehh fil-prezenza taghha stess) kellha tittiehed gewwa l-isptar Monte Carmeli u zzid tghid ukoll li li kieku l-intimata kienet tiehu l-pilloli li kien ippreskrivielha l-psikjatra, allura ma kienitx tkun fi stat tant gravi.

Ir-ragel tax-xhud O W, Q W ukoll jiddiskrivi l-gherusija tal-partijiet bhala wahda li mhux tas-soltu u dan minhabba x-xenati li kienet taghmel l-intimata. Jghid li hafna mid-drabi, dawn ix-xenati tant kienu jsiru ta' xejn li lanqas biss kien jifhem ghaliex kienu qeghdin isiru. Ix-xhud jghid li maz-zwieg, l-affarijiet iggravaw u donnha li lill-attur bdiet tarah ikrah. Ix-xhud jikkonferma wkoll li z-zwieg bejn il-partijiet sehh ghaliex l-intimata kienet tqila u jzid jghid li l-attur kien jiftah qalbu mieghu meta kienu jghidlu li ma setax isib tarf ta' martu minhabba l-hrug li kienet qabdet. Ix-xhud jghid li tant iz-zwieg tal-partijiet kien mgharraq mill-bidu nett li tahom il-parir li ma jkollhomx aktar tfal (liema parir il-partijiet ma hadux, anzi gabu t-tfal fid-dinja bl-isperanza li s-sitwazzjoni ta' bejniethom kienet ser titranga).

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar il-15 ta' Lulju 1995 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 6 tal-process. Jirrizulta wkoll li l-attrici kienet tqila fil-mument tal-kunsens taz-zwieg u dan hu kkonfermat minn diversi xhieda.

Il-Qorti thoss li minkejja li l-intimata setghet verament kienet tibza' minn missierha, din ma kienitx tammonta ghal dik il-biza' hekk kif hija necessarja sabiex iz-zwieg taghhom jigi dikjarat abbazi tal-artikolu 19(1)(a) tal-Att Dwar iz-Zwieg. Dan qieghed jinghad ghaliex fil-kawza fl-ismijiet **Calleja Marianna Vs Calleja Francis**[2]**,** il-Qorti tat spjegazzjoni ta' x'tip ta' biza' trid necessarjament tigi pruvata sabiex it-talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita abbazi ta' dan l-Artikolu tigi milqugha. Fi kliem l-Onorabbli Qorti, "***Biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens***

[2] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

***matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens***" u zzid tghid li "***Sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li tinvalida z-zwieg trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti…Fl-ewwel lok il-biza' trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jesercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok il-biza' trid tkun motiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid***"***.***

Il-Qorti tirrileva li minkejja li missier l-intimata kien ragel strett (filwaqt li x-xhieda prodotta mill-attur jghidu wkoll li missierha kien ragel li ma jaghtix ezempju tajjeb lil uliedu), l-intimata xorta ghamlet ta' rasha meta kompliet bl-gherusija (meta hi stess tistqarr li missierha riedha tibqa' hsieb lil hutha) u kompliet ghamlet ta' rasha meta harget tqila. Li kieku l-intimata kienet verament tibza' minn missierha, ma kienitx tkun kuntenta li rnexxielha tohrog tqila biex finalment tkun tista' tizzewweg u tahrab mis-sikkatura tieghu. Huwa minnu li jirrizulta li missier l-intimata kien ragel strett u ta' dixxiplina fuqha, izda dan ma jammontax ghall-biza' skond il-gurisprudenza citata aktar 'il fuq. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba ghal dikjarazzjoni ta' annullament abbazi ta' dan l-Artikolu *stante* li l-estremi msemmija bl-ebda mod ma jikkonfiguraw fil-kaz odjern.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimata minhabba anomalija psikologika serja kienet inkapaci illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, din il-Qorti thoss li mill-provi esebiti, jirrizulta bl-aktar mod car li l-partijiet dahlu ghaz-zwieg ghar-ragunijiet hziena. Xejn ma hasbu dwar il-konsegwenzi taz-zwieg, dwar il-hajja taghhom bhala koppja mizzewga. Hasbu biss fil-mument, u cioe' li t-tqala tal-intimata kienet is-soluzzjoni sabiex l-intimata tohrog mid-dar ta' missierha u kif din l-istess tarbija ser titwieled

fiz-zwieg u xejn aktar. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li l-kwistjoni u d-decizjoni ghaz-zwieg, tirrizulta li kienet marbuta biss (u dan hu kkonfermat miz-zewg partijiet) mal-fatt li l-intimata kienet tqila u xejn aktar. Dan ifisser li l-partijiet xejn ma hasbu fuq dak li kienu dehlin ghalih ghaliex min-naha taghha l-intimata tikkontendi li kienet tibza' mill-attur minhabba l-karattru tieghu li hija ssostni li huwa ghajjur u vjolenti filwaqt li min-naha tieghu l-attur jikkontendi li l-intimata kienet taghmel xenati ghal xejn u tohloq l-argumenti fuq xejn.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[3] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **W Cachia Melanie Vs W Joseph**[4] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku,***

---

[3] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[4] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, il-partijiet ma kellhomx id-*discretio judicii* sabiex verament jaghtu l-kunsens taghhom, u dan anke in vista tal-fatt li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg minhabba l-fatt li l-intimata kienet tqila, liema tqala jidher li saret bl-intenzjoni specifika sabiex l-istess intimata tkun tista’ tohrog mid-dar ta’ missierha u mhux ghax verament riedu jiehdu dan il-pass. Dan hu punt li dwaru jaqblu z-zewg partijiet. L-ebda wiehed mill-partijiet ma ra l-pass taz-zwieg bhala l-bidu ta’ hajja mizzewga bhala koppja maghquda fiz-zwieg innifsu ghaliex iz-zwieg ghalihom kien biss il-mezz sabiex b’xi mod jaggustaw is-sitwazzjoni li sabu ruhhom fiha u sabiex finalment l-intimata jkollha l-iskuza perfetta sabiex titlaq mid-dar ta’ missierha. Fi kliem l-attur stess,

“***Sakemm C harget tqila, ma kienx qed jghaddili minn mohhi li nizzewwigha. Imma mbaghad, la harget tqila, ma kienx hemm x’taghmel***”[5].

Dan il-kliem juri precizament il-*forma mentis* tal-attur fiz-zmien propizju – u cioe’ li l-unika alternattiva li kien hemm, issa li l-gharusa tieghu kienet tqila, kienet li jizzewgu. Xejn aktar u xejn anqas.

Il-Qorti tirrileva wkoll li d-dokumentazzjoni annessa mal-affidavit tal-attur relatata ma’ informazzjoni li huwa sab fuq l-internet m’hijiex prova tal-istat mentali tal-intimata,

[5] Ara l-affidavit tal-attur,  precizament a fol 19 tal-process

specjalment ghal dak propizju u cioe' l-mument tal-kunsens. Tali informazzjoni tista' titfa' dawl biss fuq kif spiccaw il-partijiet izda ma taghti ebda informazzjoni dwar l-istat mentali taghha fil-mument tal-kunsens u ghalhekk, tali dokumentazzjoni ma tistax titqies bhala prova konkreta abbazi ta' dan l-artikolu, specjalment in vista tan-nuqqas ta' evidenza medika konfermata minn psikjatra jew minn xi tabib dwar iz-zmien tal-kunsens u mhux wara z-zwieg meta s-sitwazzjoni bejn il-partijiet kompliet tiggrava.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti tirrileva li ma ngabet ebda prova ta' xi forma ta' simulazzjoni jew eskluzjoni taz-zwieg, anke jekk b'mod parzjali. F'dan l-istadju il-Qorti tirrileva wkoll li l-ebda wiehed jew wahda mill-partijiet ma gab xi forma ta' prova li kien hemm xi eskluzjoni ta' xi wahda mill-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg jew li xi wiehed jew wahda minnhom kienet inkapaci li tassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali.

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F'dan il-kuntest terga' ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[6] fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***".

Il-Qorti tirrileva li l-partijiet ma rnexxilhom igibu prova li permezz taghha setghu jipprovaw li z-zwieg taghhom kien null u bla effett abbazi ta' dan l-Artikolu ghaliex, minkejja li l-attur jallega li l-intimata ma kienitx fidila lejh, hemm differenza legali bejn l-adulterju li jista' jsehh wara z-zwieg

[6] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

u l-intenzjoni relatata mal-eskluzjoni tal-fedelta' fiz-zwieg li twassal ghan-nullita' taz-zwieg ghall-kuntrarju tal-adulterju, li huwa bazi ghas-separazzjoni personali.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att taz-Zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------